# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 29 ta' Settembru, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Hinah Abdulhamid Miftah Ahneesh**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmja Hinah Abdulhamid Miftah Ahneesh, u detentrici tal-passaport Libjan CC 97Y25G.

Akkuzata talli fis-27 ta' Settembru, 2017 u jew fix-xhur ta' qabel f'dawn il-gzejjer ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap 9, Sezzjoni 189 tal-Ligijiet ta' Malta).

Kif ukoll akkuzata talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifikat, biddlet jew ghamlet xi tibdil f'Passaport, jew uzat jew kellha fil-pussess taghha xi passaport, li hi kienet taf li gew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom (Kap 61, Sezzjoni 5 tal-Ligijiet ta' Malta).
Kif ukoll akkuzata talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi minghajr awtorita' legittima uzat jew kellha fil-pussess taghha xi dokument mehtieg

ghall-finijiet ta' dan l-Att li jkun iffalsifikat maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sezzjoni 32 (1f) tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat li l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata, il-koperazzjoni taghha mal-pulizija, u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qortil-artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tikkundannaha sena priguneria li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A ta' l-istess Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**